bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Maria Stella Cutajar)
vs
Richard Faenza, iben
Andrew, imwieled
Cospicua fit-30 ta'
diċembru, 1960

Illum, 1 ta' diċembru, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fil-perjodu tat-22 ta' jannar, 1999 u qabel din id-data, ukoll wara nzul
ix-xemx, b'diversi atti magħmulin minnu fi Zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellhu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' l-elettriku,
tal-kwalita' meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta' dawl ta' l-elettriku
mill-fond 'Victoria', Triq l-Arznell, Marsaxlokk fl-ammont li ma jeċċidx l-elf lira maltin (Lm1,000) bħala detentur tal-fond jew il-persuna li għandha l-fond imsemmi, fejn nstabu dawn il-mezzi qarrieqa għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;
2. talli għamel ħsara volontarja fil-gumni jew makkinarju ta' l-elettriku jew ikkaġuna ħsara jew telf ta' kurrent elettriku jew għamel ħsara jew kisser xi parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista ta' l-elettriku liema ħsara hija ta' ħames liri maltin (Lm5) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba, barra milli tagħti l-piena stabbilita' mill-Liġi, tordna
lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura mill-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' diċembru, 2000 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ma għandhu xejn x'jaqsam ma dan il-każ u in vista ta' din id-dikjarazzjoni l-prosekuzzjoni nfurmat
lill-Qorti li ma għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi.